# Taħt il-Mezquita, Cordòba

Norbert Bugeja

Minn tarf is-sinsla tiegħek tibda l-hena,
titkagħweġ, tiżfen, titla' 'l fuq, itħaffef
lejn l-għolja fejn jispiċċa l-uġigħ tagħna
u jibda dak ta' din il-belt mirfusa.

Minn tarf ir-Rothmans Blue l-ewwel tinwiħa
tiġġerra tul l-isqaq, tqajjem il-*barrio*,
tinħall fil-ħoss ta' sidrek tiela' u nieżel
bil-biża' li l-ġejjieni se jinqasam
fl-arkati roża u bojod tal-Mezquita.
Dirgħajna jmissu l-lejl, isibu s-sinsla,
rukkell rukkell ifittxu lewn l-imħabba
li l-belt ma sabet qatt, ifittxu l-hena
fil-forma samra tiegħek hi u terħi
dal-bhejjem slavaġ jiġru taħt il-ġilda.

Ġo Córdoba l-uġigħ ma jħobbx jitkellem.
Mal-ewwel raġġ tax-xemx isib il-moħba
li nafu aħna biss, u jistkenn fiha
sakemm weġgħatna jħallu s-sqaq fis-skiet.